# JUM LI JIBQA' JISSEMMA

Kellna niltaqgħu fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, u fil-ħamsa sewwa l-ħbieb bdew jiltaqgħu, min ġej minn naħa, u min ġej minn oħra, u min ħiereġ minn xi kafè fejn mar ibill griżmejh. Kien jum fil-bidu ta' April, is-sema msaħ-ħab, ix-xemx mgħajba sewwa. Il-Belt, bogħod mill-ħajja ferrieħa, bieżla w ħawtiela ta' dari, kienet tidher bħal waħda mħeddla w għajjiena. Xi nies kienu jidhru għad-dejjin iterrqu mgħaġġla biex ifittxu jilħqu l-karozzi ħa jit-biegħdu minn dak l-imkien fejn il-mewt, il-qerda, u l-ħerba kienu qed iżuruh sikwit. Fuq wiċċ kulħadd kien jidher bħal star ta' niket, bħal għafsa ta' diqa, bħal taqtiq ta' qalb. Donnu kulħadd kien qed jistenna xi waħda kbira.

Kienu dik il-ħabta għal Malta jiem koroh u tal-biża': rat nar u azzar iwaqqgħu u jġarrfu djarha. Rat uħud minn uliedha bla ħtija, rġiel nisa u tfal, jagħtu l-aħħar tislima lill-ħajja. Semgħet il-krib u l-ilfiq tal-midrubin li ħassithom iċarrtulha qalbha. Rat nies bla dar ifittxu u jittallbu fejn idaħħlu rashom. Semgħet it-talb u l-biki ta' l-iltiema, ta' ommijiet li tilfu 'l uliedhom, ta' rġiel li sabu rwieħhom weħidhom... Herba, qerda, mewt, u ħsara! Imma Malta baqgħet u tibqa' sħiħa. Id-demm li xtered laqqam fiha saħħa u ħila akbar. Sur bħalma hi Malta ma jiġġarraf qatt, għalkemm il-ħalel qliel tal-baħar jogħlew imgħaddba u jitqabdu magħha bla ħniena.

Kulħadd dik il-ħabta kien jidher xi ftit imbeżża' u mdejjaq. Imma, għalkemm iż-żmenijiet kienu mwiegħra mill-iżjed, l-imseħbin tal-"Għaqda" xorta ltaqgħu, bla qiesu li riedu jiġu minn irħula fil-bogħod. Kellna niltaqgħu fil-ħamsa, u fil-ħamsa ltqajna. Wisq ma konniex, sew sew sebgħa b'kollox, imma lkoll b'fehma waħda li nżommu ħajja l-"Għaqda" u l-Ilsien Malti fi żmenijiet meta kollox kien ihedded mewt u qerda. Inġbarna f'kamra l-Mużew u bdejna naħdmu: ftit wara smajna s-sirena tnewwaħ u donnha titlobna ndaħħlu rasna taħt il-blat. Ngħiduha kif inhi, bħal rehxa ta' biża' għaddiet kiesħa minn fuq kull wieħed minna, imma hemmhekk bqajna lkoll naħdmu. "Dott," qal xi ħadd minna lill-President, "dan dalwaqt igħaddi, ġew biex jitkixxfu!" U hekk kien, għax lanqas laħaq temm il-kelma li ma rġajniex smajna l-leħen tas-sirena ġej imewweġ lejna ferrieħi. Harisna lejn xulxin, u

tbissimna, tbissima ta' min iħoss moħħu jistrieħ mit-toqol tal-biża' li jkun iħeddu. U ssoktajna fix-xogħol tagħna bil-kwiet; tħadditna fuq elf ħaġa, kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Malti, u għalkemm il-ħidma li konna qed inwettqu konna qed nagħmluha minn rajna u b'qalbna kollha, imma meta l-ħin beda jagħfas, ilkoll bdejna nħossuna fuq ix-xwiek, biex infittxu ninġabru lejn djarna, għax konna tista' tgħid, żguri li l-egħdewwa ma jdumux ma jerġgħu jżuruna. U dak li konna naħsbu seħħ. Ma lħaqniex temmejna l-Laqgħa: is-sirena reġgħet bdiet tnewwaħ b'karba twila u mdejqa, karba li tħossha tniżżillek qalbek f'saqajk. Ma għaddiex wisq ħin, meta l-bieb tal-kamra fejn konna tbexxaq, fu ġejna mgħarrfin li "Il-Bandiera telgħet!" Ħsibna li aħjar immorru nkomplu x-xogħol tagħna isfel, taħt il-blat, għax konna nistennew x'kien ġej. U, biex ngħiduha kif inhi, ġie aktar milli konna stennejna. Ix-xelter kien maħnuq bin-nies, kulħadd marsus ma' xulxin, ma kienx hemm fejn toqgħod labra. Aħna, l-ħbieb tal-Malti, bqajna lkoll ħada xulxin. Bdejna ħin wara nisimgħu l-isparar li beda jikber u joktor dejjem. Ma' l-isparar, fix-xelter beda r-Rużarju. Il-bombi bdew neżlin, waħda, tnejn, tlieta, bi ħsejjes li jtarrxuk. L-art kull darba tħossha tiċċaqlaq taħtek. "Ġesù, Ġużeppi, Marija!" nstama' min igħid; oħrajn bdew jitolbu jgħajtu; trabi mqabbdin ma' driegħ ommhom jibku u jwerżqu; tfal u nisa mbeżżgħa jixhru; xi rġiel, bla ma juru li huma wkoll kienu mwerwra, bdew jaraw kif jikkwetawhom u jgħidulhom xi kelma ta' faraġ li kollox dalwaqt igħaddi b'wiċċ il-ġid. Imma kemm kien għad baqa'! Il-ħsejjes żdiedu fuq li żdiedu: l-isparar tagħna kien sejjer bla ma jaqta' xejn, u mhux ftit mill-ajruplani egħdewwa daqu l-qawwa tiegħu. Il-bombi bdew neżlin bħax-xita u jfaqqgħu fuq rasna, madwarna, u kullimkien. Il-Mewt rajnieha tidħak mhux darba u tnejn dak in-nhar. Donnhom l-egħfiered infetħilhom f'daqqa l-bieb u ħarġu qtajja' qtajja' mgewħin, mgħaddba, bin-nar tal-qilla u tal-ħażen itir mn'għajnejhom, kollha bi ħsieb wieħed li jeqirdu, iwaqqgħu, iġarrfu, joqtlu. Fix-xelter għajjat, twerżiq, biki, talb bla heda! Id-dwal ipetptu ma' kull tfaqqigħa ta' bomba li tinħass. Fl-aħħar, bomba jew tnejn li waqgħu dritt fuqna, tfew id-dwal għal kollox, u kulħadd sab ruħu fi dlam ċappa. Biex tagħqad bdiet tinxtamm riħa li xejn ma għogbitna, li aktar ma tmur aktar bdiet tiżdied, u bħal daħna li tħossha trid tifgak daret magħna u xterdet ma' kullimkien. Wieħed bilkemm sata' jara lill-ieħor, u l-biża' qabad magħna bħal qarnita. Ħadd ma kien jaf fejn hu u xinhu jagħmel.

Kulħadd iross u jiffolla biex jara jsibx x'imkien fejn jista' jieħu ftit tan-nifs.

Ilmaħt ħin wara wieħed mill-ħbieb tiegħi, b'nifsu maqtugħ, b'maktur imxarrab imwaħħal ma' mnifsejh ġej lejja; xagħru u ħwejġu bjadu bit-trab li ngħaqad fuqhom: kien qisu tmiegħek qalb id-dqiq. Anqas felaħ jiftaħ ħalqu, u f'dak il-biża' u l-ġenn kollu, tkellimna aktar b'għajnejna milli bil-kliem.

Sadattant il-bombi kienu għadhom neżlin. Mewġa wara l-oħra ta' egħfiered imġewnħa ġiet, waddbet, u telqet—imma mhux ftit mill-ajruplani egħdewwa għaddsu biex sabu qabarhom fl-art jew inkella fil-baħar li jħaddan ix-xtut tagħna. Jekk huma waddbu bħal qabda mġienen il-Mewt fuqna, il-Mewt rawha fuq wiċċhom ukoll. Malta miġruħa, b'sidirha mċarrat, għarfet titqabad u teqred l-egħdewwa.

Għaddejna dwar sagħtejn f'dan il-waħx, imgeddsin ma' xulxin, b'xita ta' bombi fuq rasna, u bir-rjieħ li bdew għaddejjin qawwija hekk li donnhom riedu jaqtgħuna mill-art. Fl-aħħar bil-mod il-mod beda jiskot kollox. L-għadu, wara l-ġrajja ta' qerda li sawwar, kien jidher li dawwar denbu mnejn ġie. "Il-Bandiera Ħamra niżlet!" instama' min igħajjat b'ħanġra daqshiex minn barra. Mal-għajta ġrejt lejn darib iex nara niesi x'sar minnhom. Ħsiebi kien fihom il-ħin kollu, u f'dik li kont inħobb. Jien u ħiereġ nilmaħ lil Patri Pawl li kien inqala' mir-Rabat biex ma jonqosx għal-Laqgħa. Kien jidher mixrub bil-qtajja' li ħa. "Kienet kbira l-lum!" qalli. "Iva! Int kollox sewwa?" saqsejtu. "S'issa kollox sew!" weġibni. "Sħabna l-oħra x'sar minnhom?" "Min jaf!?" Qtajna l-kliem hawnhekk, u jien tlaqt inlebbet 'il barra. Malli ħriġt, fit-triq ma rajtx ħlief ċnagen, ġebel u terrapien. Ġrejt qisni mherwel, u malli lwejt, it-triq li kelli ngħaddi minnha għad-dar insibha magħluqa, b'bini mġarraf li minnu bdiet ħierġa ddaħħan ħuġġieġa nar. Dort mat-triq l-oħra, u hemmhekk ukoll sibt ħerba talbiża' li ħassejtha tagħfasli qalbi xħin ftakart li dak il-bini kien wieħed mill-isbaħ u mill-egħżeż monumenti li qatt kellna. Kelli naqbeż, nogħla, w niġri minn fuq il-ġebel, sakemm fl-aħħar seħħli narġa' nsib it-triq għad-dar, imma raġa' ġrali bħal qabel: sibtha magħluqa b'bini ieħor imġarraf, did-darba b'wieħed mill-uffiċċji l-aktar magħrufa tal-Gżira. Qalbi ttaqtaq il-ħin kollu. Il-biża' beda jikber aktar, iżjed ma bdejt nersaq lejn dari. Kont nibża' li d-dar tiegħi setgħet kienet, bħall-imkejjen l-oħra mġarrfa, xi "objettiv militari" tal-għadu. Dur minn hawn u dur minn

hemm, fl-aħħar irnexxieli nasal: id-dar kienet battala, niesi kienu għadhom fix-xelter. Ħadt nifs ta' mistrieħ, u ħassejtni nieħu xi ftit tar-ruħ. Il-bibien u t-twieqi kienu miftuħa beraħ, l-art miksija bi żġieġ imfarrak. Mill-kamra ta' ġewwa, beda ġej it-tnewwiħ, waħda f'waħda ta' qattus ċkejken.

Dak hu jum li għandu jibqa' jissemma. Jibqa' jissemma fl-istorja tal-"Għaqda" tagħna li baqgħet miexja 'l quddiem fil-ħidma tagħha, gwerra u mhux gwerra. U jibqa' jissemma fl-istorja ta' Malta, mogħnija b'kull dawl ta' Ġieħ. Dak għad irid ikun il-jum li, minn hawn u snin oħra, il-ġrajja tiegħu, imżejna u mżewqa b'xi kliem sabiħ, tgħidha u tennija l-omm lil uliedha ċkejknin; u l-missier, wara x-xogħol, jinġabar fis-sliem ta' daru u, madwar mejda mbierka, jgħidha liż-żgħażagħ u lix-xbejbiet tiegħu biex jagħtihom ħjiel ta' dak l-ispirtu qalbieni ta' Malta ċkejkna, l-ispirtu li jkun kiseb ir-Rebħa.

Ġużè Chetcuti